MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 127/1998/1

**Registratur tal-Qrati Superjuri**
**Vs**
**Pawlu Camilleri u Josephine Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress li fil-kawza "Josephine Bonello pro. et noe. –vs– John Bonello", Citazzjoni numru 709/95/VDG, fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti ddegratat inter alia testwalment hekk: "….tordna li t-tfal tal-kontendenti f'ebda hin u taht ebda cirkostanza m'ghandhom jithallew fil-kustodja jew kumpanija ta' Pawlu Camilleri … u dan anke jekk l-imsemmija tfal ikunu akkumpanjati minn ommhom jew membri ohra tal-familja taghha; u tipprojbixxi lil imsemmi Pawlu Camilleri milli jara, jkellem jew b'xi mod jittanta jaghmel kuntatt mal-imsemmija tfal u dan taht piena ta'

disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti; u l-Qorti qed izzomm minn issa lil Josephine Bonello responsabbli sabiex tassikura li l-projbizzjoni imsemmija tigi osservata fil-perjodi li t-tfal ikunu fil-kustodja taghha …”

Peress li mill-provi mismugha fl-udjenza tat-22 ta’ Ottubru 1997, fil-precitata kawza, il-Qorti kienet sodisfatta li kemm Pawlu Camilleri kif ukoll Josephine Bonello naqsu li joqghodu ghall-ordnijiet ta’ din il-Qorti kif imfissra fl-imsemmi digriet u ghalhekk hemm prima facile kaz ta’ disprezz lejn l-awtorita’ ta’ din il-Qorti.

Peress li b’digriet tas-17 ta’ Novembru 1997, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 1003A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, ordnat lill-attur sabiex jistitwixxi l-proceduri mehtiega kontra l-imsemmija Pawlu Camilleri u Josephine Bonello skond il-ligi, dokument “X1”.
Ighidu il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. issibhom hatja ta’ disprezz ghall-awtorita’ taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. tikkundanahom ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngjunti ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huwa jista’ jigu mgieghla biex jwiegbu ghall-akkuza bill-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

Illi dawn il-proceduri odjerni huma irriti u nulli stante li l-azzjoni ghal disprezz tal-Qorti trid tigi inizzjata da parti tal-parti leza (ara Scicluna vs Pace decza mill-Qorti Kostituzzjonali).

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti bl-ebda mod ma kisru l-imsemmi digriet jew b’xi mod rendew ruhhom hatjata’ disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar 2001 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat

Illi fil-mori tal-kawza ta' separazzjonijit personali bejn il-konvenuta Josephine Bonello u zewgha John Bonello, fl-ismijiet "Josephine Bonello pro.et noe vs John Bonello" [citazzjoni numru 709/95/VDG], il-Qorti permezz ta' digriet moghti fl-24 ta' Mejju 1996 ordnat li "… it-tfal tal-kontendenti fl-ebda hin u taht ebda cirkostanza m'ghandhom jithallew fil-kustodja jew fil-kumpanija ta' Pawlu Camilleri ….. u dan anke jekk l-imsemmija tfal ikunu akkumpanjati minn ommhom jew membri ohra tal-familja taghha; u tipprojibixxi lill-imsemmi Pawlu Camilleri milli jara, jkellem jew b' xi mod jittanta jaghmel kuntatt mal-imsemmija tfal …… u l-Qorti qed izzomm minn issa lil Josephine Bonello responsabbli sabiex tassikura li l-projibizzjoni imsemmija tigi osservata fil-perijodi li t-tfal ikunu fil-kustodja taghha."

Illi f' digriet sussegwenti tat-22 ta' Ottubru 1997 fil-kawza precitata, il-Qorti ddegretat li mill-provi " hi sodisfatta li kemm Pawlu Camilleri kif ukoll Josephine Bonello naqsu li joqghodu ghall-ordnijiet ta' din il-Qorti kif imsfissra fl-imsemmi digriet u ghalhekk hemm prima facie kaz ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti"[1]

Illi sussegwentement, u inkonformita' mal-ordni ta' dik il-Qorti gew inizjati l-proceduri odjerni mir-Registratur tal-Qorti.

[1] Fol.5

Illi in tema legali jigi osservat li l-istitut tar-Rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti huwa mahsub proprju biex jissanzjona atti ta' disprezz. Fil-fatt, nonostante li l-proceduri jitressqu bil-mezz tac-citazzjoni u quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni civili, dan l-istitut hu ta' natura penali u jgorr mieghu sanzjonijiet u pieni . Kif jidher mill-Artikolu 998 il-persuna li allegatament tikkommetti att ta' disprezz hi kunsidrata bhala li qieghda tigi akkuzata.[2]

Dan l-Istitut huwa "stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita' tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja". Il-Qorti mhix parti interssata f' dan il-gudizzju. L-imhallef ma' ghandu ebda interess personali fil-meritu tal-procediment. L-uniku interess tal-Qorti u ta' l-Imhallef hu dak li jissussisti f' kull procediment, dak li ssir gustizzja skond il-ligi.[3]

"Jiehtieg li kulhadd jifhem li biex jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Ordni tal-Qorti ghandu jkun obdut u se mai ghandu jkun kontestat fi proceduri ad hoc; izda certament tali ordni ma tistax tigi injorata.[4] Multo magis, bhal fil-kaz in disamina fejn l-ordni tkun inghatat fl-interess tal-minuri.

Fil-kaz in dizamina, xehedu l-kontendenti fil-kawza tas-separazzjoni, u cioe' John Bonello u l-konvnuta Josephine Bonello, kif ukoll Pawlu Camilleri indikat fid-digrieti precitati.

Illi fix-xhieda taghha Josephine Bonello, ghalkemm ammettiet li kien hemm okkazzjoni fic-Cirkewwa meta t-tfal taghha minuri marru jkellmu lil Pawlu Camilleri, cahdet li, ghajr ghal din l-okkazzjoni, dawna kellhom kuntatt ma' dan Camilleri u li kienu jkunu fil-kumpanija tieghu.

Minn naha tieghu John Bonello sostna li anke wara d-digriet precitat, bejn Mejju 1996 u Ottubru 1997 huwa kien jara t-tfal tieghu fil-kumpanija ta' Pawlu Camilleri.

---

[2] PA [PS] ***Registratur tal-Qorti vs Frances Bugeja*** 28 Frar 2003.
[3] PA [VCC] ***Il-Qorti vs Antoine Camilleri*** 9.11.1990 – Vol.LXXIV.III.546
[4] Vide - App. ***Concetta Dimech vs Joseph Bonnici*** – 9 Frar 200; PA ***Il-Qorti vs George Galea*** – 14 Marzu 1988 Vol.LXXXII.II.226.

Kkonferma kategorikament li "xi tlett darbiet zgur" kien rahom mieghu.[5]

L-imsemmi Pawlu Camilleri minn naha tieghu fid-deposizzjoni tieghu cahad dawn l-allegazzjonijiet maghumla fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti semghet lil dawn it-tlett xhieda jiddepona viva voce u hija tal-fehma li ghandha taghti affidament lix-xhud John Bonello, u tiskarta l-versjoni ta' Pawlu Camilleri u ta' Josephine Bonello li t-tfal minuri ma kienux fil-kumpanija ta' Camilleri.

In vista tal-premess, peress li rrizulta sodisfacentement provat li wara 24 ta' Mejju 1996 izda qabel it-22 ta' Ottubru 1997 kien hemm okkazzjonijiet li t-tfal minuri tal-konjugi Bonello, bil-konsapevolezza u akwiexxenza ta' ommhom, kienu fil-kumpanija ta' Pawlu Camilleri; u dana in vjolazzjoni tal-ordni tal-Qorti li espressament ordnat li t-tfal minuri " .. f' ebda hin u taht ebda cirkostanza m' ghandhom jithallew fil-kustodja u fil-kumpanija ta' Pawlu Camilleri …… u tipprojibixxi lil dana milli jara, jkellem jew b' xi mod jittanta jaghmel kuntatt mat-tfal ……"[6] u zammet minn dak in-nhar tad-digriet lill-konvenuta Josehine Bonello responsabbli sabiex tassikura din il-projibizzjoni – it-talbiet attrici huma gustifikati u ser jigu milqugha.

Dan l-agir tal-konvnuti huwa sanzjonabbli a tenur tal-Artikolu 997 tal-Kap.12.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u ssib lill-konvenuti Josephine Bonello u Pawlu Camilleri hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti meta kissru l-ordni tal-Qorti moghtija fl-24 ta' Mejju 1996; u tikkundannahom kull wiehed ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira maltin [Lm100] fir-Registru ta' din il-Qorti fi zmien xaharejn millum u fin-nuqqas ta' tali hlas fiz-zmien moghti, l-imsemmija multa tigi konvertita fi prigunerija ghal zmien ghoxrin [20] gurnata.[7]

---

[5] Fol.52

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti/

[7] [Art.1002 Kap.12 u 11(3) u 14 Kap.9]

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------